MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Numru. 552/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**

**VS**

**KEITH ATTARD**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Keith Attard detentur tal-Karta tal-Identita` numru 430064 (M).

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-Gzejjer, f’xi hin bejn l-24 ta` Dicembru 2010 u d-9 ta` April 2011 b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

B’mezz kontra il-Ligi, jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex gieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta` madwar sitt mitt ewro (€600) ghad-dannu ta` Andrew Gatt u tal-Bank HSBC, u madwar hamest mitt ewro (€500) ghad-dannu ta` Caroline Galea u tal-Bank BOV u dan bi ksur tal-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

U aktar talli fl-istess cirkustanzi ikkommetta serq ta` valur ta` aktar minn elfejn tlett mija u tletin ewro (€2,330) u anqas minn sitta u ebghin elf u sitt mitt ewro (€46,600) liema serq huwa kwalifikat bil-valur, bil-persuna, u bil-lok u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

U aktar talli fl-istess cirkustanzi, bi hsara ta` Andrew Gatt u Caroline Galea ghamel qliegh b’qerq u dan bi ksur tal-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

U aktar talli fl-istess cirkustanzi iffalsifika f’att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi tohloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi u dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli; u cioe` l-Artikoli 308, 261, 267, 268, 309, 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

L-imputat konxjament ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ezenta lill-Prosekuzzjoni milli jtella` xhieda ohra.

Il-Qorti tghaddi ghas-sentenza li hija sentenza sospiza taht l-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta ghal terminu ta` prigunerija ta` sentejn (2) sospiza ghal tmintax (18) –il xahar waqt liema perjodu hu ghandu jhallas l-ammont ta` sitt mitt ewro (€600) lill-HSBC u l-ammont ta` sitt elef ewro (€6,000) ai terminu tal-Artikolu 28 H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------